**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru, 2019**

**Rikors nru: 165/2016 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenutipprezentat fil-15 ta' Marzu 2019, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti :-

1. Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qed titlob inter alia li tigi dikjarata s-seprazzjoni personali bejn il-kontendenti.

Illi fl-art 66 F, tal-Kodici Civili, (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), jipprovdi espressament li;

*'Kull parti f' kawza ta' separazzjoni, tista' f' kull waqt matul dik il-kawza, qabel separazzjoni maghmula f' dik il-kawza, titiqes minflok bhala talba ghall-pronunzjament tad-divorzju. Meta ssir it-talba, il-Qorti ghandha tisma' il-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B, biex issir talba ghall-divorzju huma sodisfatti. Il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha dwar dit-talba f' sentenza moghtija fil-Qorti miftuha, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell hlief flimkien mas-sentenza finali'.*

Illi fil-kaz in ezami jezistu l-estermi ghall-pronunzjamenrt ta' divozju bejn il-partijiet stante li l-kundizzjonijiet mehtiega f' tali rigward taht l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili , jinsabu sodisfatti billi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u fil-fatt ma hemmx manteniment dovut minn parti lill-ohra, anke kif jinsab deciz pendente lite minn dina l-Onorabbli Qorti kemm permezz ta' digriet taghha datat 2 ta' Mejju 2016, u dak datat 17 ta' Settembru 2018. Ulterjorament, il-partijiet ma ghandhomx ulied u ma hemm l-ebda prospett ragjenovoli ta' rikociljazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lill-dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet, u/ jew ordnijiet kollha necessarji u/ jew opportuni, tqis a tenur tal-Artikolu 66 F tal-Kodici Civili, u ai fini u effetti kollha tal-Ligi, it-talba ghas-separazzjoni personai maghmula, fil-kawza bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat li l-attrici ma opponietx ghall-istess talba.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi permezz tar-rikors odjern, il-konvenut qed jitlob li l-kawza ghall-firda personali intavolata mill-attrici tigi kkunsidrata bhala kawza ghad-divorzju. Din

it-talba setghet issir permezz tat-tibdil li sar fil-ligi bl-introduzzjoni tad-divorzju fil-ligijiet ta' pajjizna, li jista' jitqies ukoll fil-mori ta' proceduri ta' separazzjoni. Fi ftit kliem, kawza ta' separazzjoni tista' tinbidel f'wahda ta' divorzju, biex b'hekk is-sentenza tkun wahda li tiddikjara d-divorzju bejn l-istess partijiet, anke ghall-ekonomija tal-gudizzju u jigu evitati kawzi multipli bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu. F'din il-kawza, l-attrici ddikjarat illi m'ghandhiex oggezzjoni li din il-kawza titqies bhala wahda ta' divorzju. Ghaldaqstant it-talba tal-konvenut ghall-bdil tal-kawza sejra tintlaqa'.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut u ghalhekk tordna li din il-kawza titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**